**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 ta' Lulju, 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 194/01JR**

**Anthony Pule`**

**vs**

**Dorianne Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hames liri Maltin (Lm105.00), rapprezentanti bilancminn soma akbar fuqil-bejgh u konsenja ta' merkanzija. Il-konvenuta baghet indamepjenti wara ittra interpellatorja tat-23 ta' Frar, 2001;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax sal-hlas effettiv. Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta ma pprezentatx risposta, pero` dehret fis-seduta tas-19 ta' Gunju, 2001, u iddikjarat li qed tikkontesta t-talba.**

**Ikkunsidra:**

1. **Skond Anthony Pule` li jiggestixxi s-socjeta` attrici, l-konvenuta kienet xtrat sett borom u ftehmu li thallas ghaxar liri fix-xahar. Il-prezz tal-borom kien ta' mija disgha u erbghin lira Maltija (Lm149.00) u hi hallset ghaxar liri deposit, kif ukoll ghoxrin lira fis-26 ta' Gunju, 2000, u ghoxrin lira ohra wara, filwaqt li fis-27 ta' Settembru, 2000, hallset ghaxar liri. Ghalhekk b'kollox hallset total ta' sittin lira Maltija (Lm60.00).**
2. **Il-konvenuta tghid li ma hallsitx aktar peress li l-borom kienu qed iwahhlu, meta dawn kellhom garanzija li ma jwahhlux.**
3. **Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li dawn il-borom ghamlu zmien ghand il-konvenuta qabel ma bdiet tuzahom, u ghalhekk hi kienet baqghet thallas. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta ma kienetx f'posizzjoni li taqra l-istruzzjonijiet. Dana qed jinghad dwar uzu improprju li setgha sar.**

4. **Jirrizulta li l-borom baqghu ghand il-konvenuta, ma rritornathomx, u hi kienet hallset sittin lira Maltija fuqhom, u ghalhekk fadal bilanc ta' disgha u tmenin lira Maltija (Lm89.00), izda mhux l-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta' disgha u tmenin lira Maltija u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disgha u tmenin lira Maltija (Lm89.00), bl-imghax legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**